

Brussell, 1 ta' April 2022
(OR. fr)

7860/22

CYBER 108
COPEN 118
JAI 444
COPS 143
RELEX 429
JAIEX 30
TELECOM 138
POLMIL 82
CFSP/PESC 432
ENFOPOL 179
DATAPROTECT 95

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 132 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza n-negożjati għal konvenzjoni internazzjonali komprensiva dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal finijiet kriminali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 132 final.

Mehmuż: COM(2022) 132 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.3.2022
COM(2022) 132 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza n-negozjati għal konvenzjoni internazzjonali komprensiva dwar il-ġlieda
kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal finijiet
kriminali**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Iċ-ċiberkriminalità għadha theddida dejjem tikber għas-sigurtà taċ-ċittadini u n-negozji fl-Unjoni Ewropea (UE) skont il-Valutazzjoni tat-Theddid mill-Kriminalità Organizzata fuq l-Internet tal-Europol¹. Iċ-ċiberkriminalità hija fenomenu globali u mingħajr fruntieri, u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra iċ-ċiberkriminalità ilha prijorità għall-pajjiżi madwar id-dinja għal għadd ta' snin.

Il-Konvenzjoni tal-2001 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità (il-“Konvenzjoni ta' Budapest”) hija l-ewwel trattat internazzjonali dwar iċ-ċiberkriminalità, li jiddefinixxi reati relatati maċ-ċiberkriminalità, li jipprevedi sensiela ta' setgħat u proċeduri għall-investigazzjoni taċ-ċiberkriminalità, bħat-tfittxija ta' networks tal-kompjuter u l-interċettazzjoni, u evidenza elettronika sigura fir-rigward ta' kwalunkwe reat, u li jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni internazzjonali². Il-Konvenzjoni ta' Budapest hija miftuħa għal membri li mhumiex membri tal-Kunsill tal-Ewropa, u pajjiżi mir-reġjuni ġeografiċi kollha aderixxew magħha. Sal-lum, hemm 66 Stat Parti u erbatax-il pajjiż addizzjonali ġew mistiedna jaderixxu magħha. Dan huwa l-pedament għal-leġiżlazzjoni kontra iċ-ċiberkriminalità fi 80 % tal-pajjiżi madwar id-dinja. L-adozzjoni tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-17 ta' Novembru 2021 turi r-rilevanza kontinwa tal-Konvenzjoni bħala qafas għall-kooperazzjoni internazzjonali dwar iċ-ċiberkriminalità³.

Iż-żieda fit-teknoloġija ta' l-informazzjoni u l-iżvilupp rapidu ta' sistemi ġodda ta' telekomunikazzjoni u networks tal-kompjuter u l-użu u l-abbuż ta' teknoloġiji għal skopijiet kriminali deher wkoll fuq l-aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti (NU). Fil-21 ta' Diċembru 2010, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat ir-Riżoluzzjoni 65/230 li titlob lill-Kummissjoni għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u l-Ġustizzja Kriminali (CCPCJ) tistabbilixxi grupp ta' esperti intergovernattivi miftuħ (“l-IEG”) biex iwettaq studju komprensiv tal-problema taċ-ċiberkriminalità⁴. Fis-seba' (u l-aħħar) laqgħa tiegħu mis-6 sat-8 ta' April 2021, l-IEG evalwa l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet preliminari kollha ssuġġeriti mill-Istati Membri tan-NU⁵ u qabel li jibgħat lis-CCPCJ il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet maqbula tal-

¹ 2021 Europol Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Organizzata fuq l-Internet (iOCTA) www.europol.eu

² Il-Konvenzjoni ta' Budapest tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità (CETS Nru 185), it-23 ta' Novembru 2001, <https://rm.coe.int/CoERMPublicCommonSearchServices/DisplayDCTMContent?documentId=0900001680081561>.

³ [Dettagli tar-risultat \(coe.int\)](http://dettagli.tar-risultat(coe.int)).
[It-tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità adottat mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa — Aħbarijiet \(coe.int\)](http://it-tieni.Protokoll.Addizzjonali.għall-Konvenzjoni.dwar.iċ-Ċiberkriminalità.adottat.mill-Kumitat.tal-Ministri.tal-Kunsill.tal-Ewropa.Ahbarijiet(coe.int)).

⁴ Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tal-21 ta' Diċembru 2010, [A/Res/65/230 - E - A/Res/65/230 - Desktop \(undocs.org\)](http://A/Res/65/230-E-A/Res/65/230-Desktop(undocs.org)).

⁵ Kompilazzjoni tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet preliminari kollha ssuġġeriti mill-Istati Membri matul il-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti biex jitwettaq Studju Komprensiv dwar iċ-Ċiberkriminalità li saru fl-2018, l-2019 u l-2020: [V2101012.pdf \(unodc.org\)](http://V2101012.pdf(unodc.org)).

63⁶. Fl-istudju tiegħu, l-IEG ma wasalx għal kunsens dwar il-ħtieġa għal trattat internazzjonali ġdid dwar iċ-ċiberkriminalità.

B'mod parallel, xi Stati Membri tan-NU żiedu l-isforzi tagħhom biex jaħdmu lejn trattat bħal dan fid-deliberazzjonijiet tat-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU. Konsegwentement, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat ir-riżoluzzjoni 73/187 tas-17 ta' Diċembru 2018 dwar "Il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal skopijiet kriminali"⁷. Sussegwentement, fis-27 ta' Diċembru 2019, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat it-tieni Riżoluzzjoni, 74/247, dwar l-istess suġġett, li tistabbilixxi kumitat intergovernattiv miftuħ ad hoc ta' esperti ("il-Kumitat ad hoc") biex jellabora konvenzjoni internazzjonali komprensiva dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal skopijiet kriminali. Ir-riżoluzzjoni speċifikat li l-Kumitat ad hoc kellu jqis bis-sħiħ l-istrumenti u l-isforzi internazzjonali eżistenti fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal skopijiet kriminali, b'mod partikolari l-ħidma u r-riżultati tal-IEG⁸. Fis-26 ta' Mejju 2021, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat ir-riżoluzzjoni 75/282 li ddeterminat il-modalitajiet għan-negożjati⁹. L-Assemblea Ġenerali tan-NU ddeċidiet, fost l-oħrajn, li l-Kumitat ad hoc jenħtieġ li jlaqqa' mill-inqas sitt sessjonijiet, ta' għaxart ijiem kull waħda, biex jibdwu f'Jannar 2022, u sessjoni ta' konklużjoni biex jipprovdi abbozz ta' konvenzjoni lill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-tmienja u sebgħin sessjoni tagħha fl-2024. Hija ddeċidiet ulterjorment li l-Kumitat ad hoc għandu jorganizza l-ewwel, it-tielet u s-sitt sessjoni ta' negożjati fi New York u t-tieni, ir-raba' u l-ħames sessjoni fi Vjenna. Fl-20 ta' Jannar 2022, l-Assemblea Ġenerali ddeċidiet li tipposponi l-ewwel sessjoni għal data aktar tard minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 fi New York.

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-parteċipazzjoni xierqa tal-Unjoni Ewropea f'dawn in-negożjati peress li n-negożjati huma mistennija li jitrattaw elementi relatati mal-leġislazzjoni u l-kompetenza tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam ta' iċ-ċiberkriminalità. L-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipula li l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva "li tikkonkludi ftehim internazzjonali (...) sal-punt fejn il-konklużjoni tiegħu tista' tolqot xi regoli komuni jew tbiddel il-kamp ta' l-applikazzjoni tagħhom." Ftehim internazzjonali jista' jolqot regoli komuni jew ibiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom fejn il-qasam kopert bil-ftehim jirkebi fuq il-leġislazzjoni tal-Unjoni jew ikun kopert fil-parti l-kbira mil-leġislazzjoni tal-Unjoni.

Peress li n-negożjati jirrigwardaw kwistjonijiet ta' kompetenza tal-Unjoni minbarra l-PESK, li huma mistennija li jkunu l-komponenti ewlenin tal-ftehim previst, il-Kummissjoni għandha tinħatar bħala kap tat-tim tan-negożjati. Fi kwistjonijiet relatati mal-Politika Ewropea ta' Sigurtà Komuni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tmexxi n-negożjati bħala parti mit-tim. Il-Kap Negożjatur mill-Kummissjoni ser jiżgura l-konsistenza ġenerali tal-ftehim. Taħt l-awtorità tan-Negożjatur Ewropew, is-servizzi tal-Kummissjoni ser ikunu minn ta' quddiem għall-partijiet mhux tal-PESK tal-ftehim previst u s-SEAE ser ikun fuq quddiem għal dawk il-partijiet tal-ftehimiet previsti li jaqgħu taħt il-PESK.

⁶ Rapport dwar il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti biex jitwettaq Studju Komprensiv dwar iċ-Ċiberkriminalità li saret fi Vjenna mis-6 sat-8 ta' April 2021: [V2102595.pdf \(unodc.org\)](https://www.unodc.org/documents/prevention/2021/04/2102595.pdf).

⁷ Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2018, [A/RES/73/187](https://www.un.org/zh/press/docs/2018/18/res/73/187.html).

⁸ Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tas-27 ta' Diċembru 2019, [A/RES/74/247](https://www.un.org/zh/press/docs/2019/19/res/74/247.html).

⁹ Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tas-26 ta' Mejju 2021, [A/RES/75/282](https://www.un.org/zh/press/docs/2021/21/res/75/282.html).

Din ir-rakkomandazzjoni hija ppreżentata lill-Kunsill skont l-Artikolu 218 TFUE sabiex jirċievi awtorizzazzjoni biex jinneogzja l-konvenzjoni futura tan-NU f'isem l-Unjoni Ewropea, biex jipprovdi direttivi ta' negozjar, u biex jaħtar lill-Kummissjoni bħala negozjatur.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità hija prijorità għall-Unjoni Ewropea kif muri fl-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-2020¹⁰, u l-Istrateġija dwar il-Kriminalità Organizzata tal-2021¹¹. Fit-tielet rapport ta' progress tal-Unjoni tas-Sigurtà tal-2021, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiżgura l-parteċipazzjoni effettiva tal-Unjoni fin-negozjati għal konvenzjoni internazzjonali komprensiva dwar "il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal skopijiet kriminali" fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti¹².

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li tkompli tavvanza u ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u daww għidizzjarji f'dan il-qasam, biex tiġi żviluppata leġislazzjoni nazzjonali dwar iċ-ċiberkriminalità, fejn ma tkunx ipprovduta biżżejjed. Tirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa li tiġi promossa l-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u tappoġġa firxa ta' programmi ta' bini ta' kapaċità f'għadd ta' pajjiżi madwar id-dinja, inkluż għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw¹³. Il-Kummissjoni appoġġat il-ħidma tal-Grupp ta' Esperti Intergovernattivi tan-NU dwar iċ-Ċiberkriminalità, il-Kummissjoni tan-NU dwar il-Prevenzjoni tal-Kriminalità u l-Ġustizzja Kriminali, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), il-Kumitat tal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità u korpi oħra.

In-negozjati dwar il-konvenzjoni internazzjonali huma mistennija li jkunu relatati ma' regoli komuni tal-UE għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. B'mod partikolari, dan jista' jinkludi d-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal online u l-pedopornografija¹⁴, li tindirizza żviluppi ġodda fl-ambjent online bħall-grooming (trasgressuri li jaġixxu bħala tfal biex jgħallmu lill-minorenni għall-fini ta' abbuż sesswali); Id-Direttiva 2013/40/UE dwar l-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni¹⁵, li għandha l-għan li tindirizza l-attakki ċibernetiċi fuq skala kbira billi tirrikjedi li l-Istati Membri jsaħħu l-liġijiet nazzjonali dwar iċ-ċiberkriminalità u jintroduċu livell għoli ta' sanzjonijiet kriminali; u d-Direttiva (UE) 2019/713 dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti¹⁶, li tarmonizza l-imġiba kriminali ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi fir-rigward ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u testendi r-responsabbiltà kriminali għall-muniti virtwali u l-kartieri diġitali. Strumenti oħra tal-UE jipprovdu regoli komuni għall-ġlieda kontra reati li jistgħu jsiru possibbli bl-użu ta' sistemi ta' informazzjoni, bħat-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar illeċitu ta' drogi, it-traffikar illeċitu ta' armi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.

¹⁰ [COM\(2020\) 605 final \(27.7.2020\)](#).

¹¹ [COM\(2021\) 170 final](#) (14.4.2021).

¹² [COM\(2021\) 799 final \(8.12.2021\)](#).

¹³ Dan jinkludi programmi bħal GLACY+, CyberEast u CyberSouth, kofinanzjati mill-UE u mill-Kunsill tal-Ewropa u amministrati mill-Kunsill tal-Ewropa.

¹⁴ Id-Direttiva 2011/93/UE (13.12.2011).

¹⁵ Id-Direttiva 2013/40/UE (12.8.2013)

¹⁶ Id-Direttiva (UE) 2019/713 (17.4.2019).

In-negozjati huma mistennija wkoll li jkopru miżuri proċedurali u ta' kooperazzjoni kriminali. Il-qafas legali attwali tal-UE jinkludi strumenti dwar l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, bħad-Direttiva 2014/41/UE dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali¹⁷, il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea¹⁸, ir-Regolament 2018/1727 dwar il-Eurojust¹⁹, ir-Regolament 2016/794 dwar l-Europol²⁰, ir-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ('UPPE')²¹, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/465/ĠAI dwar timijiet konġunti ta' investigazzjoni²², id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI dwar il-prevenzjoni u r-risoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdiżjoni fi proċedimenti kriminali²³. Il-proposti tal-Kummissjoni ta' April 2018 dwar l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika²⁴, u l-Pakkett ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija²⁵, li bħalissa għaddejjin mill-proċedura leġislattiva tal-UE, huma rilevanti wkoll. Esternament, l-Unjoni Ewropea kkonkludiet għadd ta' ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi, bħalma huma l-Ftehimiet dwar l-Assistenza Legali Reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka u bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gappun²⁶.

L-Unjoni adottat ukoll diversi direttivi li jsaħħu d-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u akkużati²⁷. Il-protezzjoni tad-*data* personali huwa dritt fundamentali minqas fl-Artikolu 16 tat-TFUE u fl-Artikolu 8 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Id-*data* personali trid tiġi pproċessata biss f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*)²⁸ u d-Direttiva (UE) 2016/680 (id-Direttiva tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Pulizija)²⁹. Id-dritt fundamentali tal-individwi għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, id-dar u l-komunikazzjonijiet tagħhom huwa stabbilit ukoll fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Dan jinkludi r-rispett għall-privatezza tal-komunikazzjonijiet, kif ukoll il-protezzjoni tat-tagħmir terminali tal-utent, bħala

¹⁷ Id-Direttiva 2014/41/UE (3.4.2014).

¹⁸ Il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea (29.5.2020)

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1727 (14.11.2018).

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/794 (11.5.2016).

²¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 (12.10.2017).

²² Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/465/ĠAI (13.6.2022).

²³ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI (30.11.2009).

²⁴ Proposta għal Regolament dwar l-Ordni ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali, COM/2018/225 final, u Proposta għal Direttiva li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-fini tal-ġbir tal-evidenza fi proċedimenti kriminali, COM/2018/226 final (17.04.2018).

²⁵ Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija, COM (2021) 780, Proposta għal Direttiva dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI, COM (2021) 782, u Proposta għal Regolament dwar l-iskambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija ("Prüm II"), COM (2021) 784, (8.12.2021).

²⁶ Il-Ftehim dwar l-għajnuna legali reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka (25.6.2003).

²⁷ Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali (2009). Id-Direttiva 2010/64/UE (20.10.2010); Id-Direttiva 2012/13/UE (22.05.2012); Id-Direttiva 2013/48/UE (22.10.2013); Id-Direttiva (UE) 2016/1919 (26.10.2016); Id-Direttiva (UE) 2016/800 (11.05.2016); Id-Direttiva (UE) 2016/343 (9.03.2016).

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/679 (27.04.2016).

²⁹ Id-Direttiva (UE) 2016/680 (27.04.2016).

elementi essenzjali. Id-*data* tal-komunikazzjoni elettronika trid tiġi pproċessata skont id-Direttiva 2002/58/KE (id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika)³⁰.

In-negozjati għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' konvenzjoni futura tan-NU jiksbu l-ogħla protezzjoni possibbli tad-drittijiet tal-bniedem, u li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jikkonformaw mal-liġi tal-UE, filwaqt li jqisu wkoll l-iżvilupp futur tagħha.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-Unjoni Ewropea ppromwoviet b'mod konsistenti l-Konvenzjoni ta' Budapest bħala qafas legali ta' referenza siewi u flessibbli għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. Appoġġat lil pajjiżi terzi biex jaderixxu mal-Konvenzjoni, biex b'hekk ikunu jistgħu jintroduċu qafas legali nazzjonali minimu għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità kif ukoll biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet meħtieġa ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni, filwaqt li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ma' partijiet oħra għall-Konvenzjoni³¹.

L-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni, kienet ukoll involuta b'mod attiv fin-negozjati għat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest³². Il-Protokoll se jkun miftuħ għall-iffirmar f'Mejju 2022. Minħabba li l-kwistjonijiet koperti mit-Tieni Protokoll Addizzjonali huma koperti mill-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, fit-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jawtorizzaw lill-Istati Membri tal-UE jiffirmaw³³ u jirratifikaw³⁴, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità.

Għalhekk, in-negozjati ser jeħtieġu wkoll li jiżguraw konsistenza u koerenza mal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità u l-Protokoll Addizzjonali tagħha.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 218(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-Kummissjoni tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, li għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati u tinnomina lin-negozjatur tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 218(4) tat-TFUE, il-Kunsill jista' jindirizza d-direttivi lin-negozjatur.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Azzjoni unilaterali ma ttiprovdi alternattiva peress li ma ttiprovdi bażi suffiċjenti għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE. L-adeżjoni ma' ftehim multilaterali bħal

³⁰ Id-Direttiva 2002/58/KE (12.07.2002), emendata bid-Direttiva 2009/136/KE (25.11.2009).

³¹ Ara pereżempju, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iċ-Ċiberdiplomazija, 10 ta' Frar 2015, id-dokument 6122/15.

³² Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tipparteċipa, f'isem l-UE, fin-negozjati dwar it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità, referenza 9116/19.

³³ Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jiffirmaw, fl-interess tal-UE, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità dwar kooperazzjoni msaħħa u żvelar ta' evidenza elettronika, COM/2021/718 final (25.11.2021).

³⁴ Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-UE, it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità dwar kooperazzjoni msaħħa u żvelar ta' evidenza elettronika, COM/2021/719 final (25.11.2021).

Konvenzjoni futura possibbli tan-NU, li l-Unjoni setgħet tinnegozja, hija aktar effiċjenti milli tidħol f'negozjati ma' pajjiżi individwali li mhumiex fl-UE fil-livell bilaterali.

- **Proporzjonalità**

Din l-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika involuti.

- **Għażla tal-istrument**

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati hija konformi mal-Artikolu 218(3) tat-TFUE, li jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, li għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **L-evalwazzjonijiet ex post/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni ppubblikat sejħa għal evidenza għal din l-inizjattiva fuq is-sit web tagħha fit-14 ta' Jannar 2022, li kienet disponibbli għall-kummenti għal erba' ġimgħat. Il-(ħames) twegħbiet individwali għas-sejħa għall-evidenza ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-konsultazzjoni. Dawn il-konsiderazzjonijiet tqiesu fit-tħejjija tal-proposta preżenti.

- **Għir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qieset il-fehmiet espressi mill-esperti tal-Istati Membri matul id-diskussjonijiet fil-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill fit-tħejjija tan-negozjati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

In-negozjati x'aktarx ikopru elementi li jistgħu jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet fundamentali bħal miżuri kriminali proċedurali, definizzjonijiet ta' reati kriminali li jistgħu jkunu l-bażi għal proċediment kriminali, jew aċċess għal *data* privata ta' persuna miksuba fil-kuntest ta' proċediment kriminali. Id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu nnegozjati jistgħu jwasslu għal interferenzi pereżempju mad-dritt għal proċess ġust, id-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali. Peress li l-parteċipazzjoni fin-negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea m'għandhiex tikkomprometti l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni, din l-inizjattiva tipproponi li jiġi segwit livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-Unjoni. L-Istati Membri tal-UE jista' jkollhom spejjeż ta' darba għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ladarba n-negozjati jiġu konklużi, iżda mhuwiex possibbli li dawn l-ispejjeż jiġu ddeterminati f'dan l-istadju peress li n-negozjati għadhom ma bdewx kompletament.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-proċess tan-negozjati huwa mistenni li jkopri perjodu sal-2024, li warajh jistgħu jsiru l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Konvenzjoni. L-inizjattiva tipproponi li jiġi segwit proċess ta' negozjati li jkun miftuħ, inklużiv u trasparenti.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza n-negozjati għal konvenzjoni internazzjonali komprensiva dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal finijiet kriminali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Diċembru 2019, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat ir-Risoluzzjoni 74/247 dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal skopijiet kriminali, filwaqt li ddeċidiet li tistabbilixxi kumitat intergovernattiv miftuħ ad hoc ta' esperti, li jirrappreżenta r-reġjuni kollha, biex jellabora konvenzjoni internazzjonali komprensiva dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal skopijiet kriminali³⁵. L-Unjoni għandha tipparteċipa fin-negozjati dwar din il-konvenzjoni.
- (2) L-Unjoni adottat regoli komuni li jikkoinċidu ma' diversi elementi li qed jiġu kkunsidrati għal konvenzjoni bħal din. Dawk ir-regoli komuni jinkludu b'mod partikolari sett komprensiv ta' strumenti dwar il-liġi kriminali sostantiva³⁶, dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali³⁷, dwar standards

³⁵ Risoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali fis-27 ta' Diċembru 2019 dwar ir-rapport tat-Tielet Kumitat (A/74/401)], Ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal skopijiet kriminali, [A/RES/74/247](#)

³⁶ Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/68/ĠAI, [ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1-14](#); Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI, [ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8-14](#); Id-Direttiva (UE) 2019/713 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/JHA, PE/89/2018/REV/3, [ĠU L 123, 10.5.2019, p. 18-29](#).

³⁷ L-Att tal-Kunsill tad-29.5.2000 li jistabbilixxi l-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 197, 12.7.2000, p. 1; Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, ĠU L 295, 21.11.2018; Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI, ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53; Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar skwadri ta' investigazzjoni konġunti, ĠU L 162, 20.6.2002, p. 1; Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI dwar il-prevenzjoni u r-risoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali, ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42; Id-Direttiva 2014/41/UE dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali, ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1.

minimi ta' drittijiet proċedurali³⁸, kif ukoll dwar il-protezzjoni tad-*data* u s-salvagwardji tal-privatezza³⁹. Għandhom jitqiesu wkoll regoli komuni futuri⁴⁰.

- (3) Għalhekk, konvenzjoni internazzjonali ġdida dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal finijiet kriminali tista' taffettwa r-regoli komuni tal-Unjoni jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.
- (4) Sabiex tiġi protetta l-integrità tad-dritt tal-Unjoni u jiġi żgurat li r-regoli tad-dritt internazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni jibqgħu konsistenti, huwa meħtieġ li l-Unjoni tipparteċipa fin-negożjati dwar konvenzjoni internazzjonali ġdida dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal finijiet kriminali.
- (5) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u ta l-opinjoni tiegħu fi ...
- (6) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.]

[JEW]

³⁸ Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1; Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1; Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1; Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1; Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma ssuspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU L 132 tal-21.5.2016, p. 1; Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1.

³⁹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE; Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI; Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37–47, emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009.

⁴⁰ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordni tal-Ewropej ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni għal evidenza elettronika f'materji kriminali, is-17 ta' April 2018, COM/2018/225 final; Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-iskop ta' għir ta' evidenza fi proċedimenti kriminali, is-17 ta' April 2018, COM/2018/226 final.

[F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda nnotifikat [, permezz tal-ittra tagħha ta' ... ,] ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.]

- (7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tinneogzja, f'isem l-Unjoni, konvenzjoni komprensiva dwar il-ġlieda kontra l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għal finijiet kriminali.

Artikolu 2

Id-direttivi tan-negozjati huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom isiru b'konsultazzjoni ma' kumitat speċjali li għandu jinħatar mill-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni u l-Anness tagħha se jiġu ppubblikati immedjatament wara l-adozzjoni tagħhom.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*